

GWIDA QASIRA GĦAL-LOGĦBA TAR-RWOLI

1

IL-GRUPPI POLITIĊI

Kif jaslu, il-parteċipanti jinqasmu f'erba' gruppi politiċi.
Hemm erba' gruppi fittizji fil-logĥba:



IL-GRUPP TAS-SOLIDARJETÀ EWROPEA

Politika Ewlenija: Il-mira prinċipali tal-grupp hija l-ġid tal-istat. Huwa favur l-intervent tal-istat bħala dak li jipprovdi servizzi pubbliċi u finanzjament



IL-GRUPP TAL-EKOLOĠIJA EWROPEA

Politika Ewlenija: L-interess prinċipali ta' dan il-grupp huwa l-ħarsien ambjentali, imma jikkampanja wkoll favur il-ġustizzja soċjali u l-libertà.



IL-GRUPP TAL-LIBERTÀ EWROPEA

Politika Ewlenija: Il-grupp tal-Libertà jemmen fir-responsabbiltà individwali u fil-mekkaniżmi tas-suq. Huwa favur l-intraprenditorija ħielsa u l-kompetizzjoni, u kontra interventi tal-istat.



IL-GRUPP TAT-TRADIZZJONI EWROPEA

Politika Ewlenija: Jemmen f'soċjetà fejn l-intervent tal-istat u l-inizjattiva privata jiżammu f'bilanċ, b'miri leġiżlattivi realistiki u implimentazzjoni flessibbli

2

IL-KAŻIJET

Meta jkunu fformaw dawn il-gruppi, kull wieħed minnhom jintalab jerġa' jinqasam f'żewġ partijiet, ħalli jissawru kumitati. Kull kumitat imbagħad jingħata każ fittizju x'jeżamina.



KAŻ 1

IL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT ID-DIRETTIVA DWAR IS-SOLIDARJETÀ RIGWARD L-ILMA

Minħabba t-tibdil fil-klima, l-Ewropa ġarrbet żbilanċi tal-provvista tal-ilma. L-Istati Membri qablu li jiġmgħu r-riżorsi tagħhom billi jibnu pipeline tal-ilma mal-UE kollha. Minkejja li l-pipeline diġà bdiet tinbena, l-aktar riċerka reċenti turi li xorta se jkollna nħabbtu wiċċna ma' defiċit ta' 30% fil-provvista tal-ilma. Il-Kummissjoni tressaq dan il-pjan ta' azzjoni għall-ġestjoni tal-ilma, id-Direttiva dwar is-Solidarjetà rigward l-Ilma.



KAŻ 2

IL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI ID-DIRETTIVA DWAR L-IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI

Fl-Ewropa diġà qed jintużaw mikroċipep impjantati, għal finijiet ta' saħħa, identifikazzjoni u sigurtà. Uħud jemmnu li din it-teknoloġija tal-identifikazzjoni tħalli ħafna benefiċċji, filwaqt li oħrajn jemmnu li hija għalkollox inaċċettabbli.

Il-Kummissjoni Ewropea tara l-ħtieġa li fil-ġejjieni l-użu ta' dawn iċ-ċipep impjantati jkun regolat, biex jiġiharsu d-drittijiet fundamentali tal-individwi u jitrażżnu l-abbużi potenzjali. Għalhekk tressaq id-Direttiva dwar l-Identifikazzjoni Personali.

